**Laqgħa Numru 86**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**16 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.35 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit - Kunsillier- 17:50

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minutigb**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**85.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

85.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

85.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 85 li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

86.3.1 Is-Sindku reġa' rreferra għall-ftehim li l-Kunsill intalab jiffirma mal-CWSEF u stqarr li l-maġġoranza tal-Kunsill l-oħra ffirmaw dan il-ftehim. Il-membri preżenti ddiskuttew u qablu li biex jiżguraw li dawn il-ħaddiema jibqgħu allokatti mal-Kunsill dan il-ftehim kellhu jiġi ffirmat minnufih.

86.3.2 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza li l-War Shelter kien ġie *devoluted* lil Kunsill. Entratura għal dan ix-Xelter diġa' hemm hekk kif il-*lift* li jinżel għal-latrina jiftaħ ukoll għax-xelter. Is-Segretarju ħadet nota biex titlob pjanta lil Fr Bezzina biex jipprovdilna mappa ta' dan ix-xelter.

86.3.3 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm xi kommunikazzjoni rigward il-kwistjoni ta' Triq Antonino Saliba fejn bi żvista ssemmiet triq b'oħra. Is-Segretarju kkomunikat li le għalkemm iċ-Chairperson tal-Bord kien infurmaha bit-telephone li ser isir korrezzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

86.3.4 Is-Sindku talab biex is-Segretarju tibgħat imejl lil PS fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex b'talba biex il-*culverts* li qed isiru fi Triq Santa Katerina jagħqdu ma' Triq Santa Eliżabetta biex b'hekk jekk tiġi biex tittranġa Triq Sant'Eliżabetta li tinsab fi stat ħażin ħafna, s-servizzi jkunu diġa' mgħoddijin.

86.3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tikkordina laqgħa mal-providitur tas-servizz tat-telephone u l-internet biex isir laqgħa minnufih biex b'hekk naħsbu għas-servizzi neċessarji fil-Kunsill il-Ġdid. Is-Segretarju kellha tinforma lil MITA biex naraw x'hemm bżonn isir minnufih.

*17.50 Il-Kunsillier George Żammit daħal fil-kamra*

86.3.6 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kinitx ġabret il-kwotazzjonijiet għall-boxxla tal-aluminium tal-Kunsill il-Ġdid. Is-Segretarju nfurmat li għalkemm saru diversi tentattivi l-kwotazzjonijiet baqgħu ma ġewx preżentati. Il-membri ddiskuttew u qablu li għandha tinġabar kwotazzjoni għall-boxxla b'*framing* tal-injam. Il-membri tal-Kunsill unanimanet qablu li għandha tinħadem mil-istess mastrudaxxa li kien ħadem l-għamara fil-Kunsill il-Ġdid. Il-Kunsillier George Zammit talab biex din tinħadem b'tali mod li tkun konformi mal-*Healthy and Safety*.

86.3.7 Is-Sindku rreferra għall-Karnival. Il-membri qablu li jekk il-Karnival jsir fl-area tal-Barmil l-attendenza kienet ħa tkun fqira. Għalhekk kien hemm qbil unanimu li peress li għaddejjin xogħlijiet fil-pjazza din is-sena l-Karnival ma jsirx.

86.3.8 Is-Sindku kkomunika li kien xieraq li Triq Ġorġun kif ukoll Triq Antonino Saliba jingħataw ftit siment minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih dawn it-toroq li għadhom torba u li għad iridu jsiru mill-Gvern Ċentrali. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

86.3.9 Is-Sindku kkomunika mal-membri li jaħseb li jkun għaqli li jinħareġ tender għar-*resurfacing* tat-toroq inġenerali biex meta l-Kunsill jiġi allokat xi fondi għat-toroq ikun jista' jibda bix-xogħol mill-ewwel u mhux joqgħod jistenna li joħroġ *tender*. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

86.3.10 Is-Sindku ssuġġerriexxa li jsiru bankijiet u mwejjed fejn wieħed jista' jmur *picnic* fi ġnien Blankas. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament ma' dan is-suġġeriment.

86.3.11 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-ħriet fil-ġonna u *central strips* li bħalissa qed isir mis-Sur Mario Zammit jibda jsir mill-Għaqda Banda Prekursur għall-prezz ta' €300. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan. Is-Sindku nforma lil Kunsill li kien se jinforma lis-Sur Mario Zammit hu stess.

86.3.12 Is-Sindku rrefera għaċ-*charging pillar* fil-pjazza fejn għamel referenza għall-korrispondenza li ntbagħtet mill-inġinier responsabli Joseph Scicluna jindika li l-ispiża biex titneħħa din iċ-*charging pillar* tammonta għall- €1079.70. Waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard, Hubert Saliba u l-Viċi-Sindku Domenic Zerafa esprimew li ma jaqblux li dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-Kunsill peress li x-xogħol fil-pjazza qed isir mill-Ministeru, is-Sindku kkomunika li kien ħa ħsieb is-sitwazzjoni hu stess u rreferra għall-imejl li bagħat fejn informa lill-Inġinier li ċ-*charging pillar* se tinqala' mill-kuntrattur li qed jaħdem fil-pjazza.

**86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

86.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Sindku jekk kienx irċieva invit biex jitla' grupp inkluż numru ta' studenti mill-iskola Primarja tax-Xewkija għall-festa ta' San Barbato

f'Castelvenere. Is-Sindku stqarr li kien għadu jistenna dan il-programm imma l-Kunsill kellhu jmexxi biex jikseb l-approvazzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex dan il-grupp tat-tfal ikunu jista' jitla' Castelvenere. Is-Sindku kkonferma li fl-eventwalita' li membri tal-Kunsill u staff ikunu telgħin l-ispejjeż għandhom jiġu koperti mill-Kunsill.

86.4.2 Il-Kunsillier George Zammit ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn isir *sleeping police* fejn tal-Bombos biex jiġi evitat il-periklu fis-sewqan. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

86.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li ssir grada ġdida mal-istatwa ta' San Ġwann Battista. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament ma' dan.

86.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni li għalkemm ilu jissemma' f'ħafna laqgħat il-proġett tal-Belvedere f'Tal-Barmil dan għadu ma sarx.

86.4. Il-Kunsillier George Zammit saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv rigward it-talba li kienet saret biex isir *sleeping police* fi Triq L-Industrija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet bagħtet kemm lil Transport Malta u anke lil MIP biex tittieħed azzjoni peress li din it-triq taqa' taħt l-MIP u mhux taħt il-Kunsill.

**86.5 Il-Proġet tal-Open Gym u Proġetti Oħra**

86.5.1 Is-Sindku kkomunika li ċ-ċans biex tiġi ssottometta in-*No Objection* min-naħa tas-Segretarju tal-Biedja u Sajd kien għadda hekk kif il-Planning Authority tat ċans sas-16 ta' Jannar 2019 biex tiddaħħal in-*No Objection.* Is-Seg Parlamentari baqa' qatt ma ta appuntament lill-Kunsill biex jitkellmu fuq l-art li hemm mal-iskola. Din l-art kienet inġibdet l-attenzjoni mill-Planning Authority lill-Kunsill li din taqa' taħt is-Segretarjat tal-Biedja u Sajd. Sfortunatament dan ifisser li kieku tħallsu l-permessi għall-iżvilupp għalxejn. Il-membri tal-Kunsill talbu biex is-Segretarju titlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari il-Perit Clint Camillier għan-nom tal-Kunsill minnufih.

86.5.2 Is-Sindku kkomunika li l-Perit Edward Scerri kien għaddej bil-preparamenti biex joħroġ it-*tender* tal-Playingfield f'Tal-Ħamrija

**86.6. Approvazzjoni tal-Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Impjegati Klerikali**

86.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-*performance bonus appraisals* tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-membri unanimament qablu li l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard għandu jkun bit-10% u l-*performance bonus* tal-Uffiċjal Eżekuttiv Chrismar Xuereb għandu jkun bis-6%

**86.7 Approvazzjoni tar-Rapporti tal-Evalwazzjoni għat-Tenders:**

86.7.1 **Knis u Żamma tat-Toroq-**Is-Sindku ppreżenta l-*Evaluation Report* għat-tender taż-żamma tat-toroq fejn informa lil membri tal-Kunsill li t-tlett kuntratturi li tefgħu l-offerta naqsu milli jitfgħu r-*Rationale* u għalhekk it-*tender* kellhu jaqa' kif jispjega tajjeb l-istess rapport.

86.7.2 **Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ –Miżura 4.4-** Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Evaluation Report* għas-sejħa tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tal-Ħorob, Tas-Salvatur u Tas-Salib. Ir-rapport jindika li l-offerti mitfugħa kienu wisq għoljin aktar minn dak stmat u għalhekk it-*tender* kellhu jerġa' joħroġ. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li dan it-tender kellhu jerġa' joħroġ.

**86.8 Sejħa għall-Assistant Principal**

86.8.1 Is-Sindku kkomunika li jħoss li għandha toħroġ sejħa għall-*Assistant Principal*. Il-Kunillier Jeanelle Attard stqarret li din kienet proposta tagħha li kienet għamlet f'laqgħat qabel.

**86.9 Korrispondenza u Materji Oħra**

86.9.1 Ċirkulari AKL 2018/157 – Group Health Policy Renewal 2019 fejn il-Kunsilli Lokali huma mitluba jġeddu l-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsilli Lokali.

86.9.2 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fejn qalet li ġiet infurmata mingħand Galea Curmi Engineering Consultants li l-Floodlights li ġew mitluba li jiġu installati fi Vjal il-Labour u Triq San Pawl huma diffiċli li jsiru peress li fil-preżent diġa' hemm lampi. Galea Curmi ssuġġerew li il-voltaġġ tal-lampi jiżdied biex ikollhom aktar saħħa ta' dawl. Il-Kunsill George Zammit baqa' jinsisti li dawn il-floodlights xorta għandhom isiru fi Vajl Il-Labour.

86.9.3 Komunikat Direttur Ġenerali 1/2019 – Ħatra ta Direttur-Designate. Is-Sur Christopher Galea inħatar Direttur-Designate, u ser jidħol fis-seħħ fl-1 t'April 2019. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

86.9.4 Ittra mingħand is-Soċjeta Filarmonika Prekursur dwar reklam għal fuq il-Ktieb tal-Festa a' San Ġwann il-Battista 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

86.9.5 Talba biex isir *sleeping police* minn residenti fejn tax-Xiber. Il-Kunsill qabel li għandha t

inġieb l-awtorizzazjoni tar-residenti li quddiemu se titwaħħal l-*isleeping police*. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li titwaħħal waħda fi Triq Kav Lorenzo Zammit Haber quddiem tas-Sur Paul Azzopardi minħabba sewqan eċċessiv.

86.9.6 LCPPN 6 - *Duration of Contract for Cleaning and Attendance of Public Conveniences.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

86.9.7 Cir AKL 2019/003 - Talbiet jew applikazzjonijiet għal Devoluzzjoni li għadhom pendenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

86.9.8 Cir AKL 2019/004 Laqgħa Plenarja - Għawdex 15/16 ta' Frar 2019. Il-Kunsillier ħa nota ta' din il-laqgħa.

86.9.9 Cir AKL 2019/005 Summit għall-membri żgħażagħ eletti fil-Kunsill fl-14 u 15 ta' Marzu fi Brussels. Il-Kunsill innota l-kontenut.

86.9.10 Cir AKL 2019/001 - Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**86.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

86.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**86.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

86.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 fl-4.30pm

Konfermati, illum 14 ta' Frar 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________________ | _______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |